# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 551/2018 MH**

**Illum, 8 ta' Lulju, 2020**

**SCI Tower 98 (kumpanija reġistrata f'Monaco bin-numru 98SC9067)**

**vs**

**Luisa Pedroni sive Pedroni Blasina (K.I. 0039090A); Sara Blasina (K.I. Taljana AV0246214) *proprio* u Mirta Blasina (K.I. Taljana AV6229362) fil-kwalita' tagħhom ta' eredi ta' Pietro Blasina; u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2018 l-avukat Dr Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer ġew maħtura deputati sabiex jirrapreżentaw Xini Holdings Limited (C-38234)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tal-konvenuta Luisa Pedroni tat-30 t'Ottubru 2019**[1] permezz ta' liema hija esponiet –

[1] Fol 29 et seq

*"Illi skond ir-referti eżibiti f'dan il-proċess jidher li l-esponenti kienet allegatament ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat nhar is-6 ta' Settembru 2018 f'indirizz ġewwa Birkirkara.*

*Illi bħala stat ta' fatt f'dak il-perjodu l-esponenti ma kienetx residenti ġewwa Malta sal-punt illi dan il-fond kien mikri lil terzi estraneji għaliha u dan skond ma jidher mill-iskrittura ta' kera hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'A', ir-rental declaration form sottomessa lil Identity Malta, hawn annessa u mmarkata bħala Dok 'B', u kif ukoll mid-dikjarazzjoni għal tibdil fin-numru ta' persuni f'residenza sottomessa lill-ARMS hawn annessa u mmarkata bħala dok 'C'.*

*Illi bħala stat ta' fatt dan ir-rikors ġuramentat qatt ma ngħata lill-esponenti sabiex b'hekk tkun f'qagħda li tkun tista' tirrispondi għall-istess.*

*Minkejja dan fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2018 kien jidher li l-istess Luisa Blasina Pedroni kienet qed tidher kontumaċi tant li kien intalab li jiġi ppreżentat rikors għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja.*

*Illi fis-seduta susseggwenti il-kontroparti nsistiet illi l-esponenti kienet ġiet debitament notifikata fis-6 ta' Settembru 2018 u baqgħet tinsisti fuq il-validita' tan-notifika u konsegwentement fuq il-kontumaċja tal-konvenuta - li skont l-istess kontroparti, l-esponenti kella tiġi meqjusa kontumaci billi ma daħlitx risposta fi żmien għoxrin ġurnata mis-6 ta' Settembru 2018.*

*Illi fis-seduta li nżammet nhar it-3 ta' Mejju 2009 din l-Onorabbli Qorti wara li rat il-verbal tas-seduta preċedenti qieset illi l-pożizzjoni tal-konvenuta kienet 'kontraditorja' u ordnat lill-istess sabiex tirregola ruħha.*

*Illi fis-seduta li nżammet nhar it-3 ta' Mejju 2019 din l-Onorabbli Qorti wara li l-għad tal-verbal tas-seduta precedent qieset illi l-pożizzjoni tal-konvenuta kienet 'kontraditorja' u ordnat lill-istess sabiex tirregola ruħha.*

*Illi fl-umli fehma tal-esponenti l-pożizzjoni tagħha m'hiex kontradittorja billi ma tistax titqies li kienet kontumaċi darbtejn. L-esponenti kienet ġiet meqjusa li kienet kontumaċi wara li ma kinitx iddaħħlet risposta wara s-6 ta' Settembru 2018 minkejja li f'dak l-istadju l-esponenti ma kinitx ħadet konjizzjoni tar-rikors ġuramentat għar-raġunijiet hawn spjegati.*

*Minkejja li mbagħad Dr. Micallef kien ta ruħu b'notifikat għall-esponenti fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2019, l-esponenti kienet diġa' ġiet meqjusa kontumaċi f'dak l-istadju u għalhekk ma setgħetx tiddaħħal risposta ġuramentata.*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi filwaqt li din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun, tordna li l-esponenti ma kinitx ġiet debitament notifika fis-6 ta' Settembru 2018, u stante li l-esponenti ma setgħetx iddaħħal risposta wara s-seduta tal-1 ta' Frar 2019 peress li sa dak l-istadju kienet għadha meqjusa kontumaċi, li tiġi awtorizzata sabiex tippreżenta r-risposta ġuramentata f'dan l-istadju."*

Rat id-dokumenti annessi mar-rikors.

Rat **ir-risposta tas-soċjeta' attriċi tal-4 ta' Diċembru 2019**[2] permezz ta' liema esponiet –

*"1. ILLI r-rikors kapzjonat huwa bbażat fuq kumulu ta' ineżattezzi fattwali u legali;*

*2. ILLI fl-ewwel lok, jiġi rilevat illi r-rikors ma jagħmilx sens billi qed jiġi dikjarat illi r-riferta oriġinali saret fis-6 ta' Settembru 2018, meta mbagħad id-dokumenti prodotti juru biss illi l-fond fejn saret in-notifika inkera lil terzi b'effett mid-19*

[2] Fol 44 et seq

*ta' Settembru 2018; u dan apparti li d-dokument huwa abbozz iffirmat mill-konvenuta biss, bħalma ġew iffirmati minnha biss anke d-dokumenti l-oħra;*

*3. ILLI f'kull każ, ir-riferta pożittiva tas-6 ta' Settembru 2018 kienet valida billi l-Kap 12 jiddisponi li l-konvenut jista' jiġi notifikat anke tramite persuna awtorizzata li tirċievi l-posta' tagħha (art.187(1)), b'mod illi semmaj kellha tinġieb prova ta' redirection of mail; il-fatt illi l-konvenuta Pedroni żammet l-indirizz postali tagħha u tal-karta tal-identita' tagħha tqajjem preżunzjoni li l-persuni li hija stess introduċiet fid-dar tagħha kienu awtorizzati li jirċievu l-posta tagħha; ara f'dan is-sens Joseph Cassar Aveta vs Citadel p.l.c. (App. Inf. 123/05PS, deċiż 28.02.2007) fejn ġiet ċitata b'approvazzjoni s-sentenza Carmelo Aquilina vs Lawrence Ciantar (Vol.LXXVI P4 p666) deċiża fis-27 ta' April, 1992:*

*"...li kien dover ta' l-attur li kien jaf b'dan l-arranġament li jieħu ħsieb jiġbor l-ittri li jaslulu u jara li ma jintilfux fost karti oħra. Jekk dan id-dover l-attur ma qdiehx, isegwi li l-iżball jew il-kolpa ikun b'xi mod attribwibbli għall-istess attur."*

*4. ILLI oltre dan, fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2018, id-difensur tal-konvenuta Pedroni Blasina talab u ottjena differiment sabiex jippreżenta rikors għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, u ma għamel l-ebda talba sabiex jimpunja l-validita' tan-notifika. Il-fatt illi saret it-talba li saret huwa fih innifsu ammissjoni tal-validita' tan-notifika, billi l-ġustifikazzjoni tintalab biss meta n-notifika tkun valida;*

*5. ILLI sussegwentement, it-talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja baqgħet ma saritx, u minflok, fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2019 saret talba sabiex titressaq prova tan-nullita' tan-notifika, filwaqt illi saret dikjarazzjoni fis-sens illi l-konvenuta Pedroni tat ruħha b'notifikata b'effett minn dakinhar stess. F'dan l-istadju, jiġi sottomess umilment illi kien jispetta lill-konvenuta Pedroni li tippreżenta r-risposta ġuramentata tagħha fi żmien għoxrin ġurnata minn meta*

*tat ruħha notifikata, u li tressaq fis-seduta sussegwenti kwalunkwe provi li setgħet tressaq sabiex turi li l-ewwel notifika kienet invalida; kjarament il-proċedura kienet titlob li wara li titressaq ir-risposta ġuramentata, din tiġi konvalidata f'każ li l-ewwel notifika tiġi dikjarata nulla, u sfilzata f'każ li l-Qorti ssib li l-ewwel notifika kienet valida; dina l-Onorabbli Qorti mhux talli tat permess sabiex jitressqu tali provi, talli ordnat illi tali provi jitressqu fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2019;*

*6. ILLI fis-seduta tat-3 ta' Mejju, irriżulta li l-konvenuta Pedroni la kienet ressqet ir-risposta tagħha u lanqas ma ressqet provi fis-seduta, u ġiet diretta tirregola ruħha;*

*7. ILLI fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2019, id-difensur tal-konvenuta Pedroni reġa' talab żmien sabiex iressaq rikors għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja. F'dan l-istadju ma saritx oppożizzjoni għaliex għal darb'oħra b'tali talba, ġiet impliċitament rinunzjata l-impunjazzjoni tal-validita' tan-notifika;*

*8. ILLI finalment ġie ppreżentat rikors fejn flok tintalab il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja, kif iddikjarat sija fil-verbal tal-21 ta' Ġunju 2019 u sija fil-verbal tat-30 ta' Ottubru 2019, qed terġa' titqajjem l-allegazzjoni suppost mejta u midfuna ta' l-invalidita' ta' l-ewwel notifika tas-6 ta' Settembru 2018, u bħala provi ġew prodotti dokumenti li juru li l-fond fejn saret in-notifika nkera b'effett mid-19 ta' Settembru 2018 u mhi qed tinġieb ebda prova ta' redirection of mail;*

*Konklużjoni*

*9. ILLI l-esponenti tissottometti umilment illi din l-Onorabbli Qorti għandha quddiemha llum żewġ possibilitajiet: jew li kienet valida l-ewwel riferta jew li ma kinitx;*

*10. ILLI jekk kienet valida l-ewwel riferta (u ma nġabet l-ebda raġuni għalfejn tali riferta kellha titqies bħala invalida, nonostante diversi opportunitajiet) allura l-konvenuta kienet u għadha kontumaċi u tista' ssewwi dan biss billi tiġġustifika*

*l-kontimaċja tagħha; iżda anke biex tressaq rikors għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja l-konvenuta kienet kontumaċi billi baqgħet sallum ma ressqitx rikors għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja nonostante d-diversi opportunitajiet u differimenti mogħtija;*

*11. ILLI jekk l-ewwel riferta kienet invalida, tali invalidita' ġiet rinunzjata kif fuq spjegat, u issorvolata bil-fatt illi l-konvenuta tat ruħha b'notifikata fl-1 ta' Frar 2019, u xorta waqgħet kontumaċi billi ma ressqitx ir-risposta tagħha; kien obbligu tal-konvenuta, wara li tat ruħha b'notifikata fi Frar 2019, li tressaq risposta sal-21 ta' Frar 2019 u ġġib il-prova tal-invalidita' ta' l-ewwel notifika fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2019, kif ingħatat ordni speċifika biex tagħmel;*

*12. ILLI finalment jiġi rilevat illi sa issa nħlew ben sitt seduti fuq din il-kwistjoni, u li l-konvenuta ilha attivament involuta f'dawn il-proċeduri iktar minn sena, u ma għamlet xejn ħlief ħliet il-ħin ta' din l-Onorabbli Qorti; għalhekk jiġi sottomess illi m'għandhiex tingħata iktar opportunitajiet sabiex tistultifika dawn il-proċeduri, u anke fuq il-bażi tad-dokumenti stess annessi mar-rikors ta' l-4 ta' Novembru 2019 ir-rikors għandu jiġi miċħud u l-kawża għandha tibda tinstema fil-mertu. Li jibqgħu jingħataw iktar opportunitajiet lill-konvenuta, meta din uriet nuqqas ta' nteress daqshhekk ċar biex tikkomunika mad-difensuri tagħha stess u tiddefendi l-kawża, ikun qed iwaqqa' s-serjeta' ta' dawn il-proċeduri."*

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar ir-rikors imsemmi tat-30 t'Ottubru 2019.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għall-provvediment dwar l-imsemmi rikors.

Rat l-atti tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tirrileva mmedjatament illi bejn seduta u oħra l-konvenuta Luisa Pedroni, b'mod kontradittorju għall-aħħar, alternat aktar minn darba dwar l-istradar tal-pożizzjoni li kienet beħsiebha tieħu fil-kawża u dan peress li xi drabi ndikat li kienet ser titlob li tiġġustifika l-kontumaċja tagħha u drabi oħra li kien beħsiebha tattakka l-validita' tan-notifika. Dawn iż-żewġ difiżi legali huma pero' separati u distinti minn xulxin u ċioe':

- d-difiża tan-nullita' tan-notifika tar-rikors promotur, li fil-każijiet fejn tirriżulta ġustifikata timplika li t-terminu għar-risposta tal-parti konċernat ikun meqjus li għadu qatt ma beda jiddekorri għax notifika valida ma tkunx għadha saret;

  u

- d-difiża tal-kontumaċja li, kuntrarjament għall-ewwel difiża, timplika *a priori* ammissjoni tal-validita' tan-notifika tal-att promotur b'dana li l-parti konċernat jitlob li tiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jressaq risposta entro t-terminu mpost fuqu skont il-liġi mid-data ta' dik in-notifika **valida.**

Ingħad hekk fil-każ **Jesmond Sacco et vs Concetta Charles et deċiż fis-7 ta' Mejju 2004** -

*"Huwa evidenti mill-kontenut tal-aggravji illi, apparti l-meritu, hawn għandna żewġ kwestjonijiet preliminari li jeħtieġu eżami, epurazzjoni u deċiżjoni qabel kull konsiderazzjoni tal-meritu. Dawn iż-żewġ kwestjonijiet jikkonċernaw in-nullita` tan-notifika tal-atti fir-rigward ta' wieħed mill-appellanti u l-fatt tal-kontumaċja.*

*Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' Novembru 1989 fil-kawża fl-ismijiet "**Emanuel Stellini vs- Carlo Vella et**", "il-kwestjoni tan-nullita` tan-notifika 'de quo' u l-kontumaċja tal-konvenut huma żewġ kwestjonijiet differenti. Infatti kieku n-notifika taċ-ċitazzjoni kienet nulla l-appellant ma kienx jista' jkun meqjus li kien kontumaċi u l-kawża ma kienetx tista' timxi l-quddiem qabel ma l-konvenut jiġi notifikat mill-ġdid skond il-liġi".*

*Kwantu għal kontumaċja, mbagħad, hu ferm paċifiku illi għalkemm il-kontumaċi mhux prekluż li jappella u jitratta huwa pero` ma jistax igib provi u xhieda quddiem din il-Qorti kemm il-darba ma jiġġustifikax in-nuqqas tiegħu (**Kollez Vol XXXI pI p139; Vol XLII pI p517**)."*

Ferm il-premess, mill-atti jirriżulta li –

i. Is-soċjeta' attriċi ntavolat il-kawża odjerna fit-**30 ta' Mejju 2018** b'ordni tal-Qorti ġiet appuntata għas-smiegħ għat-**22 t'Ottubru 2018**;

ii. Skont ir-riferta tal-Marixxall tal-Qorti[3], ir-rikors promotur, id-digriet tal-appuntament tal-kawża u l-Avviż tas-Smiegħ ġew notifikati lill-konvenuta Luisa Pedroni fis-**6 ta' Settembru 2018**. Kopja ta' dawn l-atti ngħatat lil ċerta Crystle Wing fl-indirizz 'Marylou', 18, Triq Monsinjur Alfred Mifsud, B'Kara. Mhux kontestat li din hija r-residenza ta' l-istess Pedroni Blasina;

iii. Għalhekk a bażi ta' dik ir-riferta l-konvenuta kellha sas-**26 ta' Settembru 2018** sabiex tintavola risposta ġuramentata, pero' dan ma sarx;

[3] Fol 13

iv. Minħabba ndispożizzjoni tal-Qorti fit-22 t'Ottubru 2018, l-ewwel smigħ tal-kawża sar fid-**9 ta' Novembru 2018** fejn dakinhar deher biss id-difensur tal-konvenuta Luisa Pedroni u talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jippresenta rikors għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tal-klijenta tiegħu, liema talba ntlaqgħet u l-kawża tħalliet għal dak l-iskop għall-1 ta' Frar 2019;

v. Waqt is-seduta tal-**1 ta' Frar 2019** deher għall-konvenuta msemmija difensur ieħor mill-istess ditta ta' avukati u ddikjara li kien qed jagħti ruħu b'notifikat għaliha. Minn naħa l-oħra d-difensur tas-soċjeta' attriċi rribatta li l-konvenuta kienet diġa' ġiet debitament notifikata fis-6 ta' Settembru 2018 skont ir-riferta in atti. Id-difensur tal-konvenuta qal li hija mhijiex residenti f'Malta iżda d-difensur tas-soċjeta' attriċi nsista fuq il-validita' tan-notifika u konsegwentament fuq il-kontumaċja tal-konvenuta imsemmija. Il-Qorti ordnat illi għas-seduta sussegwenti l-istess konvenuta tirribatti bi prova l-istess notifika;

vi. Waqt is-seduta tat-**3 ta' Mejju 2019** dehru d-difensuri tal-partijiet u ġie verbalizzat hekk-

*"Il-Qorti rat il-verbal tad-9 ta' Novembru 2018 fejn ġie mitlub f'isem il-konvenuta Louisa Pedroni illi tiġi permessa tiġġustifika l-kontumaċja tagħha.*

*Rat il-verbal sussegwenti fejn din id-darba l-istess intimata tat ruħha b' notifikata. In vista tal-posizzjoni kemmxejn kontradittorja li assumiet l-istess konvenuta il-Qorti tordna illi l-istess tirregola ruħha.*

*Il-Qorti qed tħalli l-kawża għal kontinwazzjoni għas-seduta tal-21 ta' Ġunju 2019 fid-9:00am u sabiex il-konvenuta Pedroni tirregola ruħha."*;

vii. Waqt is-seduta tal-**21 ta' Ġunju 2019** id-difensur tal-konvenuta *"nforma l-Qorti li in vista tad-diffikulta' li kien qed isib biex jikkomunika ma' Luisa Pedroni Blasina jitlob iżjed żmien biex iressaq ir-rikors tiegħu għal ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tagħha";*

viii. Waqt is-seduta tat-**30 t'Ottubru 2019** id-difensur tal-konvenuta ppreżenta r-rikors li kien indika fis-seduta ta' qabel pero' dan ma kienx għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja iżda sabiex jattakka l-validita' tan-notifika tas-6 ta' Settembru 2018.

Fl-isfond ta' dawn ir-riżultanzi l-Qorti tirreferi għar-rikors tal-konvenuta tat-30 t'Ottubru 2019 fejn qegħda titlob li l-Qorti tiddikjara li hija ma kinitx ġiet debitament notifikata fis-6 ta' Settembru 2018 u - peress li hija ma setgħetx iddaħħal risposta wara s-seduta tal-1 ta' Frar 2019 stante li sa dak l-istadju kienet għadha meqjusa kontumaċi – tawtorizzaha tippreżenta risposta ġuramentata f'dan l-istadju.

Għal dak li jirrigwarda n-notifika ta' l-atti ġudizzjarji l-**artikolu 187 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk -

*"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha."*

Ingħad hekk dwar din id-dispożizzjoni tal-liġi fil-każ **Martin Agius vs Ronald Agius et deċiż fis-7 ta' Frar 2019** –

*"Ir-rekwiżiti ta' notifika korretta huma ta' natura ta' ordni pubbliku u bħala tali għandhom jiġu osservati ad unguem.*

*(Ara **Maltacom plc vs Carmel u Mary Doris Muscat**, Qorti tal-Appell – 14 ta' Ġunju 2001).*

*Fil-każ **Said International Ltd vs MAC Ltd. et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju 2003, ingħad:*

*"Huwa indiskuss illi n-notifika ta' atti ġudizzjarji hi regolata bid-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-Kodiċi ta' Proċedura (Kap 12) u li l-validita` tagħha tista' biss treġi jekk jiġi pprovat konklużivament illi n-notifika saret skont kif fl-istess dispożizzjonijiet maħsub." (Ara wkoll **Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud vs Medairco Ltd. et**, Qorti tal-Appell, deċiża fil-11 ta' Novembru 2011).*

*Il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-każ **Joseph Cassar Aveta vs Citadel Insurance plc deċiż fit-28 ta' Marzu 2007**, ingħad:*

*"In-notifika f'idejn min hu indikat li jirċievi l-posta f'dawk iċ-ċirkostanzi hi, f'konkorrenza ma' dawk l-oħra superjorment indikati, waħda mill-modi li permezz tiegħu n-notifika tista' tiġi kompjuta. Tali notifika tippostula dik il-volonta` inekwivoka li d-destinatarju ried li l-posta tintbagħat fil-lok iddeżinjat minnu bil-konsegwenza li din tekwivali għan-notifikazzjoni validament eżegwita. **B'dan il-mod, l-artikolu 187(1) preċitat joħloq il-preżunzjoni 'iuris tantum' illi n-notifikant hu xjenti mill-att tal-avviz notifikat lilu għall-instawrar tar-rapport proċesswali. Dan iġib li jinkombi fuq id-destinatarju tal-att l-oneru li jipprova li hu ma rċeviex l-att**[4]." (Ara wkoll **Av. Dottor Michael Grech noe vs AG**, PA Sede Kostituzzjonali (51/2010/AF) – 23 ta' Marzu 2017."*

[4] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

A bażi tas-suesposti prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet –

1. Bħala fatt il-konvenuta Luisa Pedroni hija s-sid tal-fond li fih saret in-notifika (18, 'Marylou', Triq Monsinjur Alfred Mifsud, B'Kara) u dan kif jirriżulta mid-dokumenti annessi mar-rikors tagħha tat-30 t'Ottubru 2019;

2. Hija tattakka l-validita' tan-notifika fuq tlett binarji u ċioe' li:

i. fil-perjodu meta saret in-notifika hija ma kinitx residenti f'Malta;

ii. f'dak l-istess perjodu il-fond in kwistjoni kien mikri lil terzi estranei għaliha;

iii. r-rikors ġuramentat qatt ma ngħatalha sabiex hija tkun tista' tirrispondi għall-istess

3. Għar-rigward tat-teżi li hija ma kinitx residenti f'Malta fl-epoka li saret in-notifika l-Qorti tirrileva li l-attriċi lanqas ħjiel ta' prova ma ressqet dwar dan. La xehdet hi u lanqas ipproduċiet provi oħra li setgħu jikkonfermaw din l-allegazzjoni;

4. Sabiex turi li fil-perjodu in kwistjoni l-fond imsemmi f'B'Kara kien mikri lil terzi l-konvenuta pproduċiet tlett dokumenti li pero', fil-fehma tal-Qorti, ma jiġġustifikawx it-talba tagħha fir-rikors imsemmi stante li -

(i) kull ma nġieb quddiem il-Qorti huwa biss abbozz ta' ftehim ta' kirja tal-fond mill-konvenuta lil terzi bl-isem ta' Christopher Ling u Crystal Wing. Dan l-

abbozz pero' huwa ffirmat mill-konvenuta biss u kwindi m'għandu ebda saħħa legali. Inoltre, skont dan l-istess abbozz il-ftehim kellu jiġi ffirmat fid-19 ta' Settembru 2018 u l-perjodu tal-kirja kien minn dakinhar sat-18 ta' Settembru 2019. Mentri n-notifika in kwistjoni saret **qabel** u ċioe' fis-6 ta' Settembru 2018. Għalhekk il-prova tal-kirja tal-fond fil-mument tan-notifika taqa' għal kollox minn kull aspett;

(ii) ġew preżentati fotokopji ta' *Rental Declaration Form* tal-Identity Malta u ta' *Dikjarazzjoni għal tibdil fin-numru ta' persuni fir-residenza tal-ARMS*. Pero' fl-ewwel lok, ma nġiebet ebda prova li dawn il-formoli ġew effettivament sottomessi lill-entitajiet konċernati. Fit-tieni lok, fid-Dikjarazzjoni lill-ARMS, fis-sezzjoni tad-dettalji ta' persuni li sejrin jiżdiedu fir-residenza, għalkemm tniżżlu l-ismijiet ta' Christopher Ling u Crystal Wing, ħadd minnhom ma tressaq biex jixhed u għalhekk ma hemm ebda konferma li l-firma ħdejn isimhom hija tagħhom.

(iii) il-konvenuta tallega wkoll li r-rikors ġuramentat qatt ma ngħatalha iżda għal darb'oħra ma tressqet ebda prova ta' dan. Lanqas ma wriet il-konvenuta li l-persuna li kienet fid-dar fil-ħin tan-notifika ma kinitx awtorizzata tilqa' dawk l-atti tal-Qorti. B'hekk il-preżunzjoni *iuris tantum* riżultanti mill-artikolu 187 (1) tal-Kap 12 suċċitat li l-konvenuta ġiet a konjizzjoni tal-atti notifikati f'darha ma ġietx megħluba.

Dawn l-osservazzjonijiet magħdudin flimkien iwasslu lill-Qorti għall-konklużjoni li n-notifika tas-6 ta' Settembru 2018 hija valida u skont il-liġi. Il-konvenuta għandha karta ta' l-identita' f'Malta u l-Marixxal aċċeda fir-residenza li tagħha l-konvenuta hija proprjetarja. Għalkemm ir-rikors ġuramentat u l-atti l-

oħra ġew minnu konsenjati lil terza persuna (Crystal Wing), mkien mill-atti ma ġie muri a sodisfazzjon tal-Qorti, sal-grad rikjest mill-liġi, li dawn l-atti ma nġibux a konjizzjoni tal-konvenuta Luisa Pedroni.

Għalhekk il-Qorti sejra tikkonferma l-validita' tan-notifika tas-6 ta' Settembru 2018.

Minn dan isegwi li l-konvenuta hija meqjusa kontumaċi u kien jispetta lilha li *se mai* tressaq talba formali biex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha, pass li, minkejja li ripetutament qalet li ser tagħmel, m'għamlitux għax minflok hija fl-aħħar mill-aħħar għażlet li tieħu via differenti billi attakkat in-notifika nfisha anke jekk bla suċċess.

In konklużjoni l-Qorti mhijiex ser toqgħod lura milli tesprimi d-diżappunt tagħha għall-fatt li nonostante li kkonċediet lill-konvenuta opportunita' wara l-oħra biex tavvanza raġunijiet validi fil-liġi sabiex tiġi awtorizzata tikkontesta l-pretensjonijiet attriċi permezz ta' risposta ġuramentata, l-istess konvenuta damet kważi sena[5] biex finalment ressqet ir-rikors in eżami. U mhux biss, iżda meta fl-aħħar il-konvenuta għamlet dan il-pass, il-grad ta' prova li ġabet biex tissostanzja l-pretensjoni tagħha kien wieħed fjakk għall-aħħar b'dana li b'ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni ma setgħet tiġi akkolta l-pretensjoni tagħha.

[5] Mis-seduta tad-9 ta' Novembru 2018 sas-seduta tat-30 t'Ottubru 2019

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad it-talba tal-konvenuta Luisa Pedroni fir-rikors tat-30 t'Ottubru 2019 u tikkonferma l-validita' tan-notifika tas-6 ta' Settembru 2018.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom ikunu a karigu tal-konvenuta.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**